SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 11-20**

**25 ta' Marzu 2020**

Minħabba iċ-ċirkustanzi preżenti Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' b'mod virtwali fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI :**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Kylie D'Amato - Kunsilliera
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadt

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**11.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 9-20 u Minuta tal-Laqgħa numru 10-20.**

**11.2.1 *Skema LC Care – Kura tal-annimali fil-Komunita'***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 9.11.1 dwar l-iskema hawn fuq imsemmija. Huwa qal li kien qara l-ftehim li daħal għalih il-Kunsill u ta spjegazzjoni dwar il-kontenut. Is-Segretarju Eżekuttiv saħqet dwar l-importanza li dan il-proġett jiġi attwat skond il-pjan rifless fl-applikazzjoni li saret taħt din l-iskema.

**11.2.2 Santa Luċija PC0089/19 – Proposta ta' Żvilupp**

Is-Sindku rreferit għal minuta 9.11 u tkellmet dwar il-komunikazzjoni li saret bejn il-*case officer* inkarigat minn din il-proposta ta' żvilupp u l-Kunsill. Hija qalet li l-Kunsill kien inżamm infurmat permezz tal-*e-mails*. Hija ikkonfermat li wara li ġie iċċarat il-fatt li l-bankina mhux ser tintmiss bl-iżvilupp propost, il-Kunsill qed jaqbel li ma joġġezzjonax għal din il-proposta.

**11.2.3 *Ċirkulari AKL. – Earth Hour***

Il-Kunsillier Terrence Ellul qal li l-inizjattiva tal-Earth Hour ser issir fi Pjazza 7 ta' Lulju u ser isiru l-ittri 60+ li jiġu iffurmati permezz ta' xemgħat. Il-Kunsill qabel li l-Kuntrattur Nexos għandu jiġi nkarigat jitfi d-dwal tal-pjazza waqt din il-mixgħela. Il-Kunsill approva l-ispiża nvoluta ta' madwar €250.00 biex jinxtraw ix-xemgħat. Il-Kunsill approva wkoll li l-Kunsillier Terrence Ellul jagħmel mixgħela tas-salib fi żmien il-festa tal-Ġimgħa l-Kbira bħal ma jsir kull sena.

**11.2.4** ***Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 09-20 u l-Minuti tal-Laqgħa numru 10-20 ġew approvati mill-Kunsill.

**11.3** **Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**11.3.1** ***Kwotazzjoni mill-Kuntrattur Nexos***

Il-Kunsill approva kwotazzjoni tal-Kuntrattur Nexos biex isir *truncking* li minnu jgħaddi *cable* fi Gnien is-Serenita'.

**11.3.2** ***Kwotazzjonijiet CCTV Cameras***

Is-Sindku irreferit għal diversi kwotazzjonijiet li ġew ippreżentati lill-Kunsill fuq xiri ta' sistemi ta' CCTV Cameras. Hija qalet li l-orħos kwotazzjonijiet li nġiebu ma kienux kompatibbli mas-*software* tal-Lesa. Is-Sindku ressqet kwotazzjoni oħra ta' tip ta' *cameras* li diġa jiġu *monitored* mill-Lesa għaldaqstant huma kompatibbli mas-*software* ta' din l-aġenzija. Il-Kunsill iddiskuta din il-kwotazzjoni u ġie innutat li din il-kwotazzjoni tinkludi l-ispiża totali u m'hemmx spejjes addizzjonali. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku biex jinstalla sistema ta' CCTV fi Triq Inez Soler u Triq Begonja.

**11.3.3** ***Kont tal-Go fuq servizz li jingħata mill-Berġa***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kont tal-Go għal servizz li jingħata fil-Berġa ta' Santa Luċija. Hija qalet li l-Amministrazzjoni tal-Berġa għaddiet f'idejn il-Kunsill fis-sena 2016 u l-kont tal-Go minflok inqaleb fuq il-Kunsill ta' Santa Luċija inqaleb fuq il-Kunsill ta' Ħal Safi. Hija qalet li dan il-kont jinkludi ftit aktar minn € 700.00 f'arretrati. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex jitħallas dan il-kont.

**11.3.4** ***Kont fuq konsum ta' dawl tat-toroq fi żmien il-Milied***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat talba għal ħlas mill-Kuntrattur li ħa ħsieb it-tiżjin ta' toroq bid dwal fi żmien il-Milied. Hija qalet li l-Kuntrattur irċieva fuq il-kont tiegħu il-konsum li kien jeċċedi dak stabbilit li għalih il-Kuntrattur iħallas €60.00 meta japplika għal permess mill-Enemalta. Hija qalet li din it-talba għal ħlas tkopri s-snin 2017, 2018 u 2019. Il-Kunsill qabel li dan il-kont għandu jitħallas wara li ssir il-verifika neċessarja mis-Segretarju Eżekuttiv.

**11.3.5** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM11-20 għall-perjodu bejn il-21 ta' Frar 2020 sat-23 ta' Marzu 2020 u minn *cheque* numru BOV 7988 sa *cheque* numru BOV 8036.

**11.4** ***Proposta ta' Żvilupp – Berġa ta' Santa Luċija***

Is-Sindku ippreżentat il-pjanti li ħejja l-perit għal proġett ta' żvilupp biex jitla sular ieħor fuq il-bini tal-Berġa. Hija qalet li l-perit ipproċeda bl-applikazzjoni għal permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar fuq din il-proposta. Hija qalet ukoll li issa li saret l-applikazzjoni l-perit tal-Kunsill ikun jista' jissottometti talba lid-Dipartiment tal-Artijiet biex l-arja fuq din il-binja eżistenti tiġi f'idejn il-Kunsill.

Il-Kunsillier Liam Sciberras talab konferma li dan l-iżvilupp ser ikun propjeta tal-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill ser ikun qed japplika mal-Lands Department biex l-arja ta' fuq il-Berġa tiġi devoluta lill-Kunsill u b'hekk dan l-iżvilupp ser ikun propjeta tal-Kunsill ta' Santa Luċija.

Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Permit Development Fee li jammonta għas-somma ta' €1516.08. Il-Viċi Sindku qal li l-ħlas li qed jintalab jinkludi l-ispiża tas-*sewer contribution* meta hemmhekk diġa hemm *sewer*. Is-Sindku qalet li jista' jkun li dan huwa ħlas *standard* imma ser tkun qed tistaqsi l-perit dwar dan.

Il-Kunsill approva l-ħlas tal-*Permit Development Fee* tal-Awtorita' tal-Ippjanar biex tkun tista' tiġi pproċessata din l-applikazzjoni.

**11.5** ***Kommunikazzjonijiet mis-Sindku***

**11.5.1** ***Development application PA/01432/20***

Is-Sindku tkellmet fuq il-proposta ta' żvilupp fi Triq il-Ġibjun u infurmat lill-Kunsill dwar *e-mails* li rċeviet minn resident li qed jitlob li l-Kunsill joġġezzjona fuq dan l-iżvilupp. Hija qalet li kif kien deċiż waqt laqgħa b'urġenza li saret fuq din il-proposta, l-Kunsill kien talab lill-perit biex jara jekk din l-applikazzjoni kienetx konformi mal-liġi u regolamenti eżistenti. Hija qalet li irriżulta li din l-applikazzjoni kif inhi ma kinitx teknikament konformi mar-regolamenti u l-Kunsill issottometta oġġezzjoni f'dan ir-

rigward. Hija qalet li kienet kellmet ukoll lill-*case officer* fuq din il-proposta. Kompliet id-diskussjoni fuq dan l-iżvilupp fejn il-Kunsillier Sciberras qal li kien għamel petizzjoni kontra dan l-iżvilupp u ġabar mitejn u erbgħin firma. Is-Sindku qalet li hi spjegat lir-residenti li bil-petizzjoni tkun qed tittamhom għalxejn. Il-Viċi Sindku xtaq jikkumenta li mhux kulħadd qed jiġi ttrattat l-istess u jieqaf hemm.

**11.5.2** ***Newsletter tal-Kunsill***

Is-Sindku qalet li l-Kunsill qed jaħdem biex toħroġ *newsletter* tal-Kunsill li tkun tinkludi fost oħrajn ir-rapport amministrattiv u r-rapport tal-Kunsilliera.

**11.5.3** ***Attivita Easter Egg Hunt***

Is-Sindku tkellmet dwar l-attivita tal-Easter Egg Hunt li minħabba iċ-ċirkostanzi tal-mument kellha tiġi ikkanċellata. Hija qalet li minflok kienet ser issir Children Easter Egg Painting Activity fejn tfal jintalbu jpinġu crafts bit-tema ta' Staysafe u jibgħatuhom il-Kunsill u jingħataw bajda taċ-ċikkulata. Hija qalet li din l-attivita tikkomplimenta l-festa tal-Għid il-Kbir jinkumpensa għal fatt li din is-sena l-festa tal-Għid ma tistax tiġi iċċelebrata bħas-soltu minħabba ż-żmien partikulari li ninsabu fih.

**11.5.4** ***Triq il-Ħannewija***

Is-Sindku qrat talba li saret minn resident fi Triq Hannewija fejn qed jipproponi li din it-triq issir *one-way* minn Triq Guljetta Lopez. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li għandha titħejja Traffic Management Scheme għal dik l-*area*.

**11.5.5** ***Rikonoxximent***

Il-Kunsillier Terrence Ellul ippropona li l-infermiera u tobba minn Santa Luċija li qed jaħdmu fil-qasam tas-saħħa f'dawn iż-żmien ta' pandemija, għandhom jingħataw rikonoxximent. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**11.6** **Kuntratt Ġbir ta' Skart Riċiklat**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li sar kuntatt permess ta' ittra liż-żewġ entitajiet li joffru dan is-servizz biex jibgħatu l-proposta tagħhom fi żmien stipulat ta' mhux anqas minn ħmistax il-ġurnata ta' xogħol. Hija

qalet li l-Kunsill irċieva proposta waħda biss, dik tal-GreenPak Coop. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta li kienet tkopri servizz ta' ġbir ta' skart riċiklat għal perjodu ta' sentejn. Il-Kunsill approva il-proposta ta' Greenpak.

**11.7 Insurance Services – sejħa għall-kwotazzjonijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara li sar avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern li l-Kunsill qed jilqa aktar kwotazzjonijiet għal-provvista ta' Servizz ta' Assigurazzjoni, kienet qed tressaq żewġ kwotazzjonijiet għal dan is-servizz. Il-Kunsill iddiskuta dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet u approva l-orħos offerta.

**11.8 Vakanza ta' Assistant Prinċipal**

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kien hemm numru konsiderevoli ta' kandidati għas-sejħa hawn fuq imsemmija u kienu qed isiru l-*interviews*. Hija qalet li dawn kellhom jiefqu minħabba is-sitwazzjoni preżenti. Hija ipproponiet li l-*interviews* isiru b'mod virtwali. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**11.9 SLLC CM(57-19-07) Servizz Professjonali ta' Contract Manager – Rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku qalet li dan ir-rapport ġie aplowdjat fuq l-epps għal approvazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Hija qalet li kif jiġi approvat *on-line* ikun jista jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**11.10 Laqgħa tal-Lokalita'**

Is-Sindku irreferit għall-Laqgħa tal-Lokalita li kellha ssir fix-xahar ta' April 2020 u qalet li skond id-Direttiva 2/2020 maħruġa mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali, din il-laqgħa ma tistax issir minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-rapport amministrattiv għas-sena 2019 li ntbgħat għall-attenzjoni tal-Kunsill permess tal-*e-mail* xorta jrid jiġi aplowdjat fuq il-Website tal-Kunsill. Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

Is-Sindku fakkret li kull Kunsillier irid iħejji rapport tal-ħidma marbuta mar-responsabbiltajiet tiegħu ħalli jiġi anness mar-rapport amministrattiv.

## 11.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

### 11.11.1 Mistoqsijiet tal-Kunsillier Liam Sciberras

Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-proġett propost fi Triq il-Ġibjun. Ġie nutat li dan diġa ġie diskuss waqt il-Komunikazzjonijiet tas-Sindku.

Huwa rrefera għall-proġett tal-iskola b'mod partikulari għall-iskavar u staqsa x'inhu id-*deadline* biex jitlesta dan il-proġett. Is-Sindku qalet li staqsiet lis-Surmast tal-iskola u ma kellux din l-informazzjoni.

Il-Kunsillier Sciberras staqsa meta ħa jitlesta l-proġett tal-Mini f'Tal Barrani u t-traffiku f'Santa Luċija jerġa jiġi għan-normal. Is-Sindku wieġbet li m'għandix din l-informazzjoni u ser tkun qed tistaqsi f'dan ir-rigward.

### 11.11.2 Mistoqsijiet tal-Kunsillier Liam Sciberras

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa jekk kienx sar *audit* tal-IT li sar mill-NAO fl-uffiċju tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ta' Santa Luċija ma kienx wieħed mill-15 'il Kunsilli li fihom sar dan l-*audit*. Hija qalet li kienet biss irċeviet telefonata mis-Segretarjat dwar stħarriġ li kien qed isir f'dan ir-rigward.

### 11.11.3 Mistoqsijiet tal-Kunsillier Liam Sciberras

Il-Kunsillier Sciberras staqsa meta ser jitnaddaf il-Picnic Area u jekk il-kmamar tal-injam li hemm fl-iSculputure Garden jistgħux jiġu utilizzati aħjar.

Il-Viċi Sindku qal li l-Picnic Area diġa tnaddfet u lesta. Huwa qal ukoll li għad hemm xi ġebel li jrid jinġabar.

### 11.11.4 Mistoqsijiet tal-Kunsillier Liam Sciberras

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa dwar il-bollards tal-konkos li hemm mar-Roundabout f'Dawret it-Torri. Huwa qal li kif qablu sħabu tal-Kunsill din għandha titneħħa ħalli t-*traffic flow* jimxi kif suppost u l-karrozzi ma jaqsmux b'mod illegali mingħajr ma jduru mar-*roundabout*. Huwa qal li t-

triq Dawret it-Torri xorta tibqa *one way* li tagħti għal barra minn Santa Luċija.

Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat ittra lill-Trasport Malta biex jitneħħew il-*bollards* tal-konkos li qed tagħlaq parti mir-roundabout.

**11.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 29 ta' April 2020 fil-5.00p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |